**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 239/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Victor Buttigieg**

Illum, 6 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Victor Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 474072(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Lulju 2002 u matul l-aħħar xahar, ġewwa in-Naxxar u bnadi oħra f' Malta f'ħinijiet differenti:

a) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga erojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu esklussiv tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu;
b) Ukoll talli sar reċediv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Mejju 2015, fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u kkundanatu għal piena ta' sitt snin priġunerija effettivi u multa' ta' €4,000 li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' €125.00. L-ewwel pagament għandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja. Pero' jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull €35.00 dovut. Illi, *in oltre*, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw għas-somma ta' €217.56, ekwivalenti għal Lm93.40, li għandhom jitħallsu fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza, b'dan jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull €11.65 dovut. Ukoll, il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi magħha ezebiti jiġu distrutti taħt is-supervizjoni tar-Reġistratur.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2015, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-pussess sempliċi tad-droga erojina;
2. Tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati ta' pussess tad-droga erojina f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu u minflok tillibera lill-appellant minn din l-akkuża;
3. Tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tar-reċediva u minflok tillibera lill-appellant minn din l-akkuża;
4. F'kull każ u sussidjarjament, tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li nhar is-27 ta' Frar 2018, l-appellant talab li, abbażi tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, dina l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet milqugħha nhar il-31 ta' Lulju 2020.

Rat in-Nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ntavolata nhar l-20 ta' Diċembru 2021, fejn l-istess Bord informa lill-Qorti li huwa sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni u għaldaqstant qed jikkunsidra il-kaz *de quo* bħala wieħed magħluq b'suċċess.

Rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) intavolata nhar il-15 ta' Frar 2022 minn fejn jirriżulta li l-appellant għandu s-segwenti kumpilazzjonijiet pendenti fil-konfront tiegħu –

- Il-Pulizija vs Victor Buttigieg fejn qiegħed akkuzat b'pussess ta' droga quddiem il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D
- Il-Pulizija vs Victor Buttigieg fejn qiegħed akkuzat b'serq aggravat quddiem il-Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D, liema kawza bħalissa tinsab *sine die*.

Rat li nhar is-27 t'April 2022, l-appellant issolleva aggravju ġdid marbut mal-ksur tal-katina tal-evidenza tad-droga mertu ta' dawn il-proċeduri billi kien hemm nuqqas ta' aderenza ma' dak dispost fl-Avviz Legali numru 121 tal-2002, u dan meta r-Reġistratur tal-Qorti ma żammx id-droga li kienet eżebita in atti ikkustodita fil-post indikat skond il-Liġi sabiex b'hekk din il-prova hija kontaminata u għandha tiġi sfilzata mill-atti.

Semgħet ix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Mr Franklin Calleja u ta' Claudio Boffa, direttur National Accreditation Board.

Semgħet trattazzjoni fuq l-aggravji kollha mressqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm l-appellant ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi il-funżjoni ta' Qorti dwar id-Droga, madanakollu huwa ma rrinunzjax għall-aggravji mqajjma minnu fir-rikors tal-appell tiegħu. Mhux biss iżda fis-seduta ta' nhar is-27 t'April 2022 qanqal

aggravju ġdid, liema aggravju il-Qorti tqies li għandu jiġi ikkunsidrat qabel kull konsiderazzjoni oħra fuq l-aggravji rimanenti.

F'dan il-gravam ġdid sottopost għal ġudizzju tal-Qorti, l-appellant jilmenta dwar l-allegat ksur ta' dak dispost fl-Avviz Legali numru 121 tal-2002, u dana għaliex jikkontendi li r-Reġistratur tal-Qorti ma ottemperax ruħu mad-disposizzjonijiet ta'l-istess meta id-droga eżebita in atti ma ġietx ikkustodita fil-post indikat fl-imsemmi Avviż Legali.

Illi l-Avviz Legali 121 ta' l-2002[1], jiddisponi illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali nnomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm, f'ismu, mediċinali perikolużi. L-appellant jisħaq li dan ma sarx u li għalhekk kien hemm ksur ta' dan l-Avviż Legali u li minħabba f'hekk, id-droga eżebita għandha tiġi mwarrba mill-atti, billi hemm ksur fil-katina tal-evidenza.

Illi, mit-testimonjanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, jirriżulta li d-droga eżebita fil-kaz *de quo*, bin-numru SB 174/2004, hija miżmuma fl-*istrong room* tal-Qorti u jindika li ilha tinżamm hemmhekk sa mill-14 ta' Frar 2004. Huwa jikkonferma ukoll li tali eżebit qatt ma ingħata lid-Direttur tas-Saħħa, b'din il-kariga ma teżistiex llum.

Illi l-artikolu 667 tal-Kodiċi Kriminali iqiegħed fuq l-ispalla tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali r-responsabbilita' li jżomm fil-kustodja tiegħu l-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali. Illi, mbagħad, l-Artikolu 669 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħti s-setgħa lir-Reġistratur tal-Qorti jikkustodixxi l-oġġetti kollha li jiġu eżebiti fil-qorti, jaqra hekk: -

**(1) Ir-reġistratur għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.**

**(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur <u>jista'</u>, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet**

[1] Il-Leġislazzjoni Sussidjarja ma tagħmel ebda referenza ghal xi disposizzjoni tal-Kodiċi Kriminali li bis-saħħa ta'l-istess huma mfassla dawn ir-regolamenti.

> **u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta. (sottolinear tal-Qorti)**

Illi, mid-diċitura tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament mill-kelma "*jista'*", jirrizulta biċ-ċar li l-leġislatur kien qiegħed jagħti lir-Reġistratur tal-Qrati d-diskrezzjoni sabiex jaħtar persuna oħra biex iżomm oġġetti f'ismu. Li kieku l-leġislatur kien qed jimponi fuq ir-Reġistratur obbligu sabiex huwa jgħaddi ċerti oġġetti lill-entita' terza, ċertament li s-setgħa ma kenitx tkun waħda fakoltattiva iżda tassattiva.

Issa minn eżami tal-atti jirriżulta li kienet ġiet imnehdija inkjesta maġisterjali dwar dan il-każ fejn l-Inkwirenti kien ħatar bħala uffiċjali tax-xena tar-reat lil PS602 Jonathan Attard u lil PS659 Jeffrey Hughes. Dawn l-uffiċjali kienu *a tempo vergine* ħasbu sabiex jiffotografaw l-eżebiti kollha fil-lok fejn ġew misjuba mill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet u ħadu ħsieb ukoll jelevaw dawn l-oġġetti, fosthom id-droga misjuba fil-pussess tal-appellant. Illi id-Dokument JM[2] jindika x-xogħol kollu magħmul minn dawn l-uffiċjali tax-xena tar-reat fir-residenza tal-appellant. Fir-rapport ta' dawn l-uffiċjali hemm hekk indikat:

> **"Illi fuq inkarigu tal-Maġistrat Inkwirenti l-esponent PS659 fil-presenza ta' PS602 J.Attard ikkonsenja lil Mario Mifsud Spiżjar nominat mill-Qorti d-dokumenti 02 BRC 201, 202, 203 u 204 sabiex jiġu eżaminati minn naħa tiegħu. Din ir-riċevuta qed tiġi ddokumentata bhala dok 02 BRC 401."**

Din ir-riċevuta hija annessa mar-rapport u fuqha hemm il-firma tal-Ispizjar Mario Mifsud. Illi dan ifisser illi wara li saret l-elevazzjoni ta'l-oġġetti, inkluża id-droga, dawn ġew minn dawn l-uffiċjali ikkonsenjati direttament lill-espert Mario Mifsud sabiex jipproċedi għall-analiżi tiegħu.

Illi fis-seduta tal-05 ta' April 2004 quddiem l-Ewwel Qorti imbagħad l-Ispiżjar ippreżenta ir-relazzjoni tiegħu, dokument MM, u flimkien ma' din ir-relazzjoni huwa rritorna l-oġġetti kollha minnu analiżżati lura lil Qorti[3]. Issa għalkemm ir-reġistratur tal-Qorti Kriminali jindika illi l-oġġetti ilhom minnu ikkustoditi sa minn Frar 2004 u mhux April, madanakollu l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-eżebit innifsu u minn fuq l-

---

[2] Ara fol.47 et seq tal-atti.
[3] Ara xiehda u relazzjoni a fol. 58 et seq tal-atti.

istess jidher ċar u tond illi dan kien riċevut mir-Reġistratur propju fil-jum meta kien eżebit mill-espert Mifsud. Fuq l-eżebit fil-fatt hemm miktub illi d-dokumenti li fuqhom saru l-analiżijiet mill-espert Mifsud ġew ippreżentati fis-seduta tal-05 ta' April 2004. B'hekk il-Qorti m'ghandiex dubbju illi dawn għaddew minn idejn l-espert għal idejn ir-Reġistratur u għalhekk ma kienx hemm ksur fil-katina tal-evidenza.

Illi l-Qorti traċċat l-*iter* lil segwew dawn l-eżebiti mill-mument li ġew misjuba fil-pussess tal-appellant, sa meta ġew elevati, mgħoddija lill-espert tal-qorti, analiżżati sakemm fl-aħħar sabu ruħhom f'ħoġor il-qorti, sabiex tqies jekk kienx hemm xi ksur fil-katina tal-evidenza kif jilmenta l-appellant u li allura setgħet wasslet għal kontaminazzjoni tal-evidenza. Illi dan ma jirriżultax li seħħ u dan għaliex ma hemm ebda mument minn meta d-droga kienet misjuba, sakemm ġiet elevata u wara analiżżata illi hemm xi nuqqas ta' kontabbilita' għaliha. Illi allura anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha tagħti raġun lill-appellant illi l-oġġetti ma ġewx ikkustoditi mir-Reġistratur kif trid il-liġi, dan il-fatt ma jeradikax mill-ammissibbilita' tal-analiżi magħmula mill-espert tal-qorti li kkonkluda illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-appellant kienet proprju droga erojina bil-piż kif indikat mill-istess espert. Ma jirriżultax illi sakemm din il-prova ġiet analiżżata setgħet seħħet xi kontaminazzjoni fl-istess, kif ilmentat mill-appellant, billi sal-mument li ġie stabbilit l-valur probatorju ta'l-oġġetti elevati dawn ma għaddew qatt f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti.

Illi magħdud dan għandu jingħad ukoll illi għalkemm meta ġie promulgat l-Avviż Legali 121 tal-2002 jidher li dan sar bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 699 tal-Kodiċi Kriminali u kwindi saret id-delega lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali bl-approvazzjoni tal-ministru responsabbli għal ġustizzja biex jaħtar lil dawk in-nies li ser ikunu fdati bl-oġġetti eżebiti fil-qorti, kuntrarjament għad-diċitura użata fil-Leġislazzjoni Sussidjara 9.07, ma jidhirx illi għalkemm hekk nominati mir-Reġistratur dawn l-oġġetti għandhom tassattivament jiġu ikkustoditi minn nies indikati fl-imsemmi avviż. Mhux biss iżda jidher illi n-nomenklatura tal-uffiċċju tal-Kap tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika illum inbidel u m'għadux magħruf bħala id-'Direttur tas-Saħħa'[4]

[4] Direttorat tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (Saħħa Pubblika) – ara artikolu 4(2) tal-Att dwar is-Saħħa Kap.528, fejn hemm hekk dispost: 4(2) Il-Kap ta' dan id-Dipartiment għandu jkun l-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern

, kif hemm indikat fl-Avviż Legali, iżda din il-funzjoni tinsab fdata f'idejn l-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern, biex b'hekk ġaldarba l-uffiċju tal-persuna nnominata llum ma jeżistiex hekk kif indikat fir-regolamenti, kwindi huwa id-dmir tar-Reġistratur li jara li jaderixxi ruħu ma' dak dispost fl-artikoli 667 sa 669 tal-Kodiċi Kriminali li jpoġġi fuq spallejn ir-Reġistratur l-ħarsien u il-kustodja tal-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali u dan sabiex jiġi assigurat illi l-katina tal-evidenza ma tinkisirx u li l-prova ma tikkontaminax ruħha. Illi r-Reġistratur madanakollu għandu jara illi l-lista tan-nies indikati fl-imsemmi Avviż Legali tiġi aġġornata billi din baqgħet mhux mittiefsa sa' mis-sena 2002, u ċioe' għal dawn l-aħħar għoxrin sena sabiex b'hekk jara li jkun hemm ottemperanza sħiħa mall-obbligi tiegħu kif imfassla fl-artikolu 667 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant, dan l-aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant iqanqal aggravju marbut mal-mertu meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u dan għaliex kellu jirriżultalha illi d-droga erojina misjuba fil-pussess tiegħu kienet sempliċiment għall-uzu personali tiegħu u mhux sabiex tiġi spaċċata, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[5].

Illi, in suċċint, dan il-kaz ra t-twelid tiegħu meta nhar it-3 ta' Lulju 2002, l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga għamlet *raid* fil-fond bl-isem "Casa Buttigieg", Labour Road,

[5] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Naxxar fejn kien jinstab l-appellant u minn fuq il-persuna tiegħu ġew elevati pakkett kontenenti trab kannella u flus kontanti fl-ammont ta' Lm36. *In oltre*, fil-fond in kwistjoni, il-Pulizija sabet ukoll diversi affarijiet marbuta mat-teħid u t-traffikar tad-droga, inkluż borza kannella li ġo fiha kien hemm borża trasparenti kontenenti trab kannella, suspettat erojina, diversi boroż żgħar li kien fihom traċċi ta' trab kannella, diversi boroż żgħar oħra ġodda, siringi, kuċċarina u miżien. Mill-eżami forensiku magħmul mill-Espert tal-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud, irriżulta li fil-boroż u fuq il-kuċċarina, kien hemm traċċi tas-sustanza erojina filwaqt li t-trab li nstab fil-boroż u fil-qartas irriżulta li kien fil-fatt il-mediċina perikoluża erojina fl-ammont nett totali ta' 48.716 gramma, u b'purita' ta' 30%.

Illi, l-appellant irrilaxxja stqarrija ġuramentata nhar l-4 ta' Lulju 2002 fejn stqarr, *inter alia*, li m'għandux impjieg u li kien xtara d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu mingħand ċertu Mustafa. L-appellant kien xehed li dakinhar huwa ma kellux flus fuqu, imma Mustafa xorta kien tah 52 gramma erojina bil-prezz ta' Lm18 kull gramma, liema ammont kellu jgħaddielu aktar 'il quddiem. Jiċċara li huwa ma kellux bżonn dak l-ammont kollu dakinhar imma kien Mustafa li ġiegħlu jieħdu kollu. Minn naħa l-oħra, meta l-appellant xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, huwa biddel il-verzjoni fejn qal li kien xtara dak l-ammont ta' droga erojina għaliex il-prezz mitlub għall-istess kien wieħed baxx u l-purita' kienet waħda ħafifa. Xehed li huwa kien jieħu madwar 5 grammi erojina kull jumejn u li d-droga li nstabet kienet intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Fl-aħħarnett xehed li l-boroż li nstabu kienu ukoll għalih innifsu sabiex ikun jista' jippakja d-dożi biex joħodhom miegħu meta joħroġ mid-dar.

Issa l-Ewwel Qorti għamlet rassenja ta' ġurisprudenza li titkellem dwar ir-reat tal-pussess aggravat ta' mediċini perikolużi, u a skans ta' repetizzjoni l-Qorti tabbraċċja dan it-tagħlim ġurisprudenzjali. Jingħad biss, u dan b'referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi" tas-17 ta' Frar 1997 illi f'dawn il-każijiet "**l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu**

**eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101"**.

Illi l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet dettaljata tal-provi kollha li inġiebu quddiemha, inkluż l-ammont ta' droga erojina xejn negliġibbli li nstab fil-pussess tal-appellant, u l-mod kif kienet misjuba din id-droga, fejn qabblet dan l-ammont mal-konsum dikjarat mill-appellant fix-xiehda tiegħu. Qieset fuq kollox l-verżjonijiet kollha mogħtija mill-appellant dwar minn għand min kien akkwista din id-droga, il-prezz u l-fatt illi l-appellant kien diżokkkupat tant illi ddikjara *ex admissis* illi ma kellux flus biex iħallas lill-ispaċċatur għal din id-droga. Dan kellu jkun indikattiv allura tal-fatt illi l-appellant kien ser jittraffika parti mill-ammont ta' droga li akkwista sabiex ikun jista' jissostanzja il-vizzju tiegħu u saħansitra kellu dik il-parafernalja meħtieġa sabiex ikun jista' jqassam id-droga akkwistata f'dożi separati. Fil-fatt fil-pusses tal-appellant nstabu diversi boroż żgħar vojta li huma sinonimi mal-ispaċċar tad-droga. Kieku l-appellant verament ried jaqsam id-droga sabiex ikun jista' jġorr doza miegħu kull meta jillarga mid-dar, ċertament li ma kellux bzonn dak l-ammont ta' boroż vojta. Fuq kollox l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-appellant ma kenitx kompatibbli mal-konsum tiegħu tad-droga meta stqarr li kien jikkonsma 5 grammi erojina kull jumejn bejn wieħed u ieħor.

Illi, dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkondividi il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti – u ċioe li d-droga misjuba fil-pussess tal-appellant ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu iżda kienet intiża sabiex tiġi spaċċata. Għalhekk, anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aggravju sussegwenti mressaq mill-appellant jirrigwarda l-addebitu tar-reċediva lli kienet imsejsa fuq kundanna magħmula fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-08 ta' Marzu 1999 fejn kien ikkundannat għal għoxrin jum priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' Lm500. L-appellant jikkontendi li l-Artikolu 50 tal-Kodiċi

Kriminali jindika illi l-addebitu tar-reċediva jibda' tapplika *"minn dakinhar li tkun skontat jew tkun maħfura l-piena"*. Minn dokumentazzjoni annessa mar-rikors ta' l-appell, liema dokumentazzjoni dina l-Qorti tinnota li ma kienx hemm oġġezzjoni għaliha da parti tal-Avukat Ġenerali, jidher li filfatt il-multa in kwistjoni ġiet imħallsa nhar is-7 ta' Marzu 2012, u għalhekk l-appellant jisħaq li hu ma seta' qatt jinstab ħati a bazi tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi r-riċevuta ppreżentata mill-appellant hija sempliċiment fotokopja li qatt ma ġiet ikkonfermata minn rappreżentant tal-Qrati. *In oltre*, minn imkien fl-atti proċesswali ma jirriżulta meta dina l-multa ġiet imħallsa. F'kull każ, id-dokument ippreżentat mill-appellant żgur li ma jikkostitwixxix l-aħjar prova tal-ħlas tal-multa in kwistjoni u konsegwentement, billi hija nieqsa l-prova li l-piena effettivament ġiet skontata, iż-żmien imsemmi fl-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jistax jiġi komputat. Għaldaqstant dina l-Qorti ser tilqa' l-aggravju mressaq mill-appellant u huwa sejjer jitqies li huwa reċidiv għall-fini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali iżda mhux ukoll għall-fini tal-Artikolu 50 tal-istess Kodiċi.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' sitt snin priġunerija effettiva, multa ta' erbat elef Ewro u ħlas ta' spejjez peritali fl-ammont ta' €217.56. L-appellant jilmenta li l-istess piena hija waħda eċċessiva, anke *considerand*o l-fatt li huwa kellu jibbenifika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'zewġ gradi.

Billi f'dan il-każ saret talba sabiex dina l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga huwa indubitat illi dan l-aggravju imqanqal mill-appellant jistħoqqlu akkoljiment u dan għaliex il-Qorti trid issa timponi dik il-piena *in linea* mad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, ġaldarba il-każ tal-appellant quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga ingħalaq b'suċċess.

Illi, mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tal-31 ta' Lulju 2020, jirriżulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal- Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponu testwalment:

> ***(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:***
>
> ***Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.***
>
> ***(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.***

Illi mid-dokumenti ppreżentati mill-Bord tul il-perijodu ta' riabilitazzjoni li saret quddiemu, jirriżulta b'mod ċar illi l-appellant għandu storja twila ta' abbuż ta' droga b'diversi kundanni jingħataw mill-qrati tagħna għal reati multepliċi minnu kommessi tul is-snin b'konsegwenza ta' dan il-vizzju. Dan magħdud, madanakollu, jidher illi l-appellant finalment għaraf il-bżonn li jegħleb il-vizzju tat-tossikodipendenza u kkopera bis-sħiħ fil-programm ta' riabilitazzjoni. Hu kien dejjem konsistenti fl-għoti tal-kampjuni tal-urina li kien obbligat li jipprovdi, fejn skond dak irrapurtat dawn kienu kollha fin-negattiv għal kwalunkwe sustanza. Huwa segwa il-pjan ta' kura imfassla għalih u integra ruħu fis-soċjetà u fid-dinja tax-xogħol.

Illi, għalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, tqies illi l-aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jistħoqqlu akkoljiment.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-appellant instab ħati, u fid-dawl tal-fedina penali tiegħu, sentenza ta' priġunerija sospiża hija il-piena idoneja. Il-Qorti xortawaħda tqies illi għandha tieħu in konsiderazzjoni l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.101 fil-konfront tal-appellant, u ukoll t-trapass twil taż-żmien minn meta ġie kommess ir-reat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' *in parte* l-appell interpost u tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

1. **Tikkonfermaha fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-akkuża numru wieħed lilu addebitata;**
2. **Tikkonfermaha fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**
3. **Tirrevokaha fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Liġijiet ta' Malta;**
4. **Tvarja il-piena inflitta, u konsegwentement tgħaddi biex tikkundanna lill-appellant Victor Buttigieg għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien tlett (3) snin mil-lum;**

5. **Tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie ikkundannat għal ħlas tal-multa ta' €4000 u minflok tikkundannah iħallas multa ta' sitt mitt ewro (€600);**
6. **Tikkonfermaha fejn l-appellant ġie ordnat iħallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €217.56, liema ammont għandu jitħallas fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza; u**
7. **Tikkonfermaha fejn ġiet ordnata d-distruzzjoni tad-droga eżebita u tal-affarijiet konnessi magħha hekk kif indikat fis-sentenza appellata.**

**Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali fiz-zewġ kompilazzjonijiet pendenti quddiemha (waħda quddiem il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras u waħda quddiem il-Maġistrat Dr Rachel Montebello) sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawżi rispettivi li qed jinstemgħu quddiemhom.**

**Finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**